# Il-Ħajja tas-Serv ta' Alla
# Dun Ġorġ Preca

*Presbiteru, Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M. (1880-1962)*

Is-Serv ta' Alla Ġorġ Preca twieled nhar it-12 ta' Frar 1880 fil-Belt Valletta. Wara li ġie ordnat saċerdot beda jgħin fil-parroċċa ta' San Gejtanu l-Ħamrun u ħabrek biex jgħallem id-duttrina nisranija lit-tfal u liż-żgħażagħ.

Fl-1907 waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, magħrufa bl-isem ta' M.U.S.E.U.M. (*"Magister utinam sequatur Evangelium universus mundus"*: talba li tfisser: "Mgħallem, li kieku d-dinja kollha timxi fuq l-Evanġelju!"). Is-soċji ta' din l-għaqda kellhom jieħdu ħsieb li jqaddsu lilhom infushom u li jxerrdu l-Kelma ta' Alla fost il-poplu. Dun Ġorġ Preca kiteb ħafna kotba ta' tagħlim dommatiku, morali u dwar l-ispiritwalità. Ta ħajtu għall-redikazzjoni u fetaħ diversi oqsma jew ċentri ta' katekeżi. Il-ħidma wtieqa tiegħu wriet bid-dieher kemm kien tassew sacerdot qaddis. Kien bniedem ta' fidi u appostlu tal-fidi. Kien mehdi fit-talb u fil-meditazzjoni tal-Kotba Mqaddsa. Bħala appostlu mħeġġeġ tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, xerred ma' kullimkien id-devozzjoni lejn il-kliem ta' l-Evanġelju: *"Verbum Dei caro factum est"* (bil-Malti: "Il-Verb ta' Alla sar bniedem"" Ġw 1, 14). L-umiltà kienet il-pedament ta' l-ispiritwalità tiegħu. Kien tassew saċerdot twajjeb, umli, manswet.

Miet fil-fama tal-qdusija f'Santa Venera nhar is-26 ta' Lulju 1962.



> "Kien mehdi fit-talb u fil-meditazzjoni"

**Mons Ġ. Mercieca**, Arċisqof ta' Malta
9 ta' Mejju 2001, Floriana, Malta



# Il-Ħajja tas-Serv ta' Alla
# Nazju Falzon

*Kjeriku sekulari (1813 - 1865).*

Is-Serv ta' Alla Nazju Falzon twieled fl-1 ta' Lulju 1813 fil-Belt Valletta. Fl-età ta' ħmistax-il sena rċieva l-abitu klerikali u aktar tard ħa l-erba' ordnijiet minuri. Meta kellu għoxrin sena kiseb il-lawrija fil-Liġi Kanonika u Ċivili mill-Università ta' Malta, iżda qatt ma eżerċita l-professjoni ta' avukat u lanqas irċieva l-Ordni Sagri għax ma kienx iħossu denn li jirċievi dan is-sagrament.

Nazju Falzon kien bniedem mogħti għat-talb. Kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija, il-Verġni Mqaddsa Marija u San Ġużepp. Il-missjoni tiegħu kienet it-tagħlim tal-katekiżmu. Nazju beda jgħallem lit-tfal iżda hu jibqa' magħruf l-aktra għall-missjoni katekiżmu tiegħu mas-suldati u l-baħrin Ingliżi. Beda bil-laqgħat ta' talb u bit-tagħlim tal-katekiżmu ghall-kattoliċi, iżda kien jagħmel ukoll ħbieb ma' sħabhom is-suldati Protestanti u dawk li mhux mgħammdin, billi jagħtihom pariri u jkun ta' għajnuna soċjali għalihom. B'hekk ġibed ħafna minnhom għall-fidi kattolika. Kien iwettaq din l-opra bil-għajnuna u l-kooperazzjoni tal-lajċi. Uħud mill-kollaboraturi tiegħu saru saċerdoti, kappillani militari jew tan-navy.

Miet nhar l-1 ta' Lulju 1865 fl-età ta' tnejn u ħamsin sena.



> *"Kellu devozzjoni lejn l-Ewkaristija"*

**Mons Ġ. Mercieca**, Arċisqof ta' Malta
9 ta' Mejju 2001, Floriana, Malta



Il-Ħajja tas-Serva ta' Alla

# Marija Adedata Pisani

*Soru Benedittina (1806 - 1855).*

Marija Adeodata Pisani twieldet f'Napli fid-29 ta' Diċembru 1806, u ngħatat l-isem ta' Marija Tereża. Missierha kien mogħti għax-xorb u l-ġenituri ta' Mairja Tereża kellhom jisseparaw meta t-tifla kienet għadha tarbija. Omm missierha rabbietha bl-għożża iżda meta mietet, Marija Tereża kellha biss 10 snin. Marija Tereża ntbagħtet f'kulleġġ tal-bniet f'Napli sakemm għalqet 17-il sena. Sentejn wara giet Malta għal kollox flimkien ma' ommha u marru joqogħdu r-Rabat.

Marija Tereża daħlet fil-monasteru ta' San Pietru fl-Imdina nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fis-16 ta' Lulju 1828 meta kellha 22 sena. Hawn ingħatat l-isem ta' Marija Adeodata u fit-8 ta' Marzu 1830 hi għamlet il-Professjni reliġjuża solenni. Fiż-żmien li għexet bejn l-erba' ħitan tal-monasteru ngħatat diversi karigi. Ġiet eletta Badessa fl-1851 u fis-sentejn li għamlet tmexxi l-monasteru saħħet ir-riforma tal-ħajja komunitarja b'aktar osservanza tar-regoli monastiċi. Sakemm kien possibbli għaliha bħala soru tal-klawsura, dak li setgħet tiddisponi minnu qassmitu lill-foqra u kienu jħabbtu l-bieb tal-monasteru. hija spikkat fit-talb u s-sagrifiċċju u dejjem fittxet il-ħajja tal-perfezzjoni.

Marija Adeodata mietet fil-25 ta' Frar 1855 fl-età ta' tmienja u erbgħin sena.



"Hija spikkat fit-Talb u s-sagrifiċċju"

**Mons Ġ. Mercieca**, Arċisqof ta' Malta
9 ta' Mejju 2001, Floriana, Malta

